MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2008

Appell Kriminali Numru. 293/2008

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Amadeo Balzan**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-28 t'April, 2008, gewwa fond "Villa Anthea", Triq il-Gibjun, Attard, ghall-habta ta' 9.30 hrs, kien bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' martu Alexandra Balzan wegghha bi kliem, gesti u/jew b'xi mod iehor.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 t'Ottubru, 2008, li biha, wara li rat l-artikolu 252(1) u (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati w ikkundannatu gimgha detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-21 t'Ottubru, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar is-sentenza appellata w minn din l-imputazzjoni tiddikjarah mhux hati w tilliberah skond il-ligi w minghajr pregudizzju fil-parti tal-piena tigi mposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, jikkonsistu fis-segwenti w cioe' :-

1. illi preliminarjament l-appellant hassu aggravat billi s-sentenza appellata, hija nulla stante li fis-sentenza ma ssemmix l-artikolu tal-ligi li tikkontempla r-reat li tieghu l-Qorti sabitu hati w dan ai termini *"inter alia"* tal-artikolu 382 tal-Kap. 9. Illi ta' relevanza huwa l-fatt li l-anqas l-avviz ta' l-akkuza ma jindika l-artikolu tar-reat.
2. illi s-sentenza appellata hija nulla wkoll stante li s-sentenza hija nieqsa wkoll milli tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati w dan ai termini *"inter alia"* tal-artikolu 382 tal-Kap. 9.
3. illi dan ir-reat ma rrizultax minhabba li ma giex ipprovat ghas-sodisfazzjoni tal-prova rikjesta mill-ligi li trid tkun cara w inekwivoka. Fil-fatt bhala provi tal-prosekuzzjoni tresqu l-affidavit tal-PS 564 kif ukoll tressqet il-mara ta' l-appellant Alexandra Balzan li minnhom dawn il-provi rrizulta konflitt car bejn dak li l-PS 564 investiga dwar il-kaz u dak li Alexandra Balzan tghid li gara. Dan il-konflitt fil-provi ghandu jimmilita' favur l-appellant.
4. illi l-Ewwel Qorti ma kellhiex tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha billi l-fatti tal-kaz ma grawx kif tghid il-mara tal-appellant. Il-Qorti ma kellhiex taghtija affidament l-ewwel nett billi huwa aktar verosimili li meta l-appellant mar izur lil bintu dan ma kellu ebda animu li joffendi jew jingurja lil martu. Mar id-dar dak il-hin ghax baghtet ghalih it-tifla w dan jigi kkonfermat mill-mara tal-appellant stess. Kienet mal-wasla ta' martu li beda l-inkwiet meta ratu gewwa l-fond. Huwa aktar verosimili li l-mara ta' l-

appellant li kienet ghadha kemm irceviet il-karti tal-kawza kienet infurjata ghal zewgha w kellmitu hazin u ghamlet ghalih. Fil-fatt Alexandra nstabet hatja, permezz ta' sentenza ta' l-istess Qorti fl-14 t'Ottubru, 2008 talli fl-istess jum u fl-istess hin u fl-istess incident ingurjat u heddet lil zewgha Amadeo Balzan u giet kkundannata ghal gimgha detenzjoni.

*5.* illi l-Ewwel Qorti ma kellhiex tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha billi semmai, *dato ma non concesso,* li l-appellant lissen xi kliem fil-konfront ta' martu din kienet reazzjoni pprovokata minn l-agir ta' martu li kif gia' ntqal hawn fuq kienet misjuba hatja li ngurjatu w ghamlitlu theddid. Skond artikolu 339(1)(e) il kontravenzjoni ssehh biss meta persuna *"carries his insult beyond the limit warranted by the provocation"* . f'dan il-kaz jidher li martu ghamlet ghalih b'sikkina w ingurjatu bi kliem ghall-liema giet misjuba hatja mill-istess Qorti ergo hi ingurjatu bi kliem u hu, *dato ma non concesso,* rrispondiha bi kliem b'hekk fil-limiti tl-provokazzjoni. Ta' relevanza huwa l-fatt li l-appellant hareg mid-dar biex jevita aktar skontri maghha, li kieku ried l-iskontru kien jibqa' hemm u immedjatament meta telaq mid-dar dan mar ghand il-Pulizija jirraporta. Il-mara ma marritx tirraporta hlief li l-ghada meta l-PS 564 kien qed jinterrogaha din hasset li taghmel rapport bi tpattija ghal dak li kien ghamel zewgha.

*6.* illi l-piena nflitta hija eccessiva tenut kont in-natura w ic-cirkostanzi tal-kaz u li kien hemm diversi pieni w sanzjonijiet ohra li setghu jigu applikati f'dan il-kaz.

Semghet ix-xhieda ta' Alexandra Balzan fis-seduta tal-lum li, mistoqsija ripetutament mill-Qorti, ddikjarat illi ma tistax tiftakar x'gara fid-data msemmija fic-citazzjoni.

Ikkonsidrat

Peress illi min din id-deposizzjoni ma tirrizulta bl-ebda mod l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant u ghalhekk hemm karenza assoluta tal-provi li jistghu jwasslu ghall-dikjarazzjoni ta' htija, jidher ovvju li s-sentenza appellata se jkollha tigi revokata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata w tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni w piena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------